**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Kump. Numru: 452/2018 RM**

**IL-PULIZIJA**

**(Supretendent Josric Mifsud)**

**-Vs-**

**RITA AMOS**

**(ID : 428261M)**

**Illum, 25 ta' Mejju 2021**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputata **RITA AMOS** detentrici tal-karta tal-identita' 428261M, tressqet quddiemha akkuzata talli :

Nhar l-14 ta' Mejju, 2018 ghall-habta ta' 19:52hrs u fil-hinijiet ta' wara, gewwa 3, Flat 3, Triq il-Macina, Isla

1) Kellha l-hsieb li taghmel hsara lil xi persuna, kif ukoll takkuza lil dik il-persuna quddiem l-awtorita' kompetenti b'reat, filwaqt li kienet taf li dik il-persuna kienet innocenti.

2) Zammet kelb li ghandu aktar minn sitt xhur, minghajr ma kellha licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

3) Geghlet annimal isofri tbatija u dwejjaq bla bzonn

4) Abbandunat kelb u geghlitu jsofri disperament, kif ukoll meta kellha kustodja taghha l-imsemmija kelb, naqset li tiehu hsieb il-kura u s-sahha ta' l-imsemmi kelb.

Rat id-digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fis16 ta' Lulju 2018 ;

Semghet lill-imputata waqt l-ezami twiegeb li mhux hatja ;

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali a tenur tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Krinimali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja[1];

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2021;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

[1] Dok. JP2, fol. 30.

Illi l-ewwel imputazzjoni taddebita lill-imputata d-delitt ta' kalunnja verbali kif ravvizat fl-Artikolu 101(1) tal-Kodici Kriminali.

Illi minn qari tad-dispozizzjoni relevanti huwa car li biex jissussisti r-reat ta' kalunnja verbali iridu jigu pruvati tlett elementi:-

- il-ħsieb li ssir ħsara lil xi persuna,
- akkuża quddiem awtorità kompetenti b'reat,
- ix-xjenza li dik il-persuna hija innoċenti.

Illi dwar l-ewwel element, il-Prof. Sir Anthony Mamo fin-Noti tieghu[2], jghid li: *".... .... the crime under Section 101 of calumnious accusation known as verbal or direct such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority, in the case of this indirect form of calumnious accusation the crime cannot be said to be completed until the fact or circumstance of fact falsely caused to exist or to appear to exist as aforesaid, becomes known to the competent authority."*

Illi l-istess awtur ikompli billi jghid li r-rapport lill-awtoritajiet kompetenti jista' jsir bi kwalsiasi wiehed mill-forom specifikati fil-Ligi, izda josserva li biex jigi sodisfatt dan l-ewwel element tar-reat in dizamina, mhux necessarju li r-rapport ikun sar skont il-formalitajiet preskritti fil-Ligi u dan l-istess principju gie riaffermat b'mod pacifiku mill-Qrati taghna.

Fis-sentenza mghotija fil-kawza **Il-Pulizija vs Joseph Seychell**[3], il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-kalunja kif kontemplata fl-Artikolu 101 tal-Kodici Kriminali:-

---

[2] Notes on Criminal Law Revised Edition 1954-1955 pagna 52.

[3] Deciza fis-17.10.1997.

*« L-akkuza jew denunzja, ghall-finijiet tal-kalunnja ma tirrikjedi ebda formalita` partikolari ; l-unika haga li hi rikjesta hi li dik l-akkuza jew denunzja issir quddiem awtorita` kompetenti, jigifieri awtorita' li ghandha is-setgha li tipprocedi biex tinvestiga u eventwalment tressaq il-Qorti, jew tghaddi l-kaz lill-haddiehor biex dan eventwalment jressaq il-Qorti, lil dik il-persuna li tkun allegatament ikkomettiet da kir-reat. »*

Issa fil-kaz in dizamina, mill-provi, senjatament ix-xhieda ta' PS583 Ivan Grech[4] u ta' Brian Saliba[5], jirrizulta illi fl-14 ta' Marzu 2018 tassew sar rapport lil awtorita` kompetenti – cioe` lil xi ufficjal ghat-trattament xieraq tal-annimali[6] li jagixxu taht is-setgha tad-Direttur ghat-Trattament Xieraq tal-Annimali. Din l-awtorita` hija wahda ghandha s-setgha tinvestiga rapporti dwar it-trattament tal-annimali u tiehu azzjoni fuq dawn ir-rapporti billi tirreferi l-kaz lill-Pulizija halli jressqu l-persuna suspettata bi ksur tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali (Kap. 439)[7]. Madanakollu, mill-istess xhieda jirrizulta wkoll illi dan ir-rapport sar minn certu Agnes Camilleri jew talanqas minn fuq in-numru tat-telefon cellulari registrat f'isimha. Ghalkemm PS 583 Ivan Grech xehed illi « *it-telefonata ghamlitha Rita Amos minn fuq il-mobile ta' Agnes Camilleri* », ix-xhud ikkonferma li huwa wasal ghal din il-konkluzjoni abbazi ta' informazzjoni li tah haddiehor.

Filwaqt li, kif inhuwa risaput, il-Qorti ma tista' taghti l-ebda piz lix-xhieda fuq kliem haddiehor minghajr din tkun ikkonfermata mill-persuna li tkun effettivament qalet il-kliem, jirrizulta wkoll illi t-taghrif li kellu x-xhud PS 583 Ivan Grech, effettivament, seta' ma kienx korrett : kemm hu hekk, l-ufficjal Brian Saliba xehed illi kienet proprju Agnes Camilleri li kienet cemplitlu fl-14 ta' Marzu 2018 waqt li kien qed jinvestiga rapport iehor flimkien ma' ufficjal iehor (certu Marisa Portelli) u di nit-telefonata saret biex tirrapporta li kien hemm kelb li kien ghadu kif gidem lil zewg persuni gewwa r-residenza tal-imputata. Dan ix-xhud qal hekk fir-rigward :-

---

[4] Xhieda tat-8 ta' Mejju 2019.
[5] Xhieda tal-21 ta' Ottubru 2019.
[6] Ara Artikolu 44 tal-Kap. 439.
[7] Ara Artikolu 44B(1) u (4) tal-Kap. 439.

« *U din Agnes qaltilna li l-kelb mhux veru li kien gidem dakinhar stess. Jigifieri dakinhar mhux veru kien gidem .... Dakinhar mhux veru sar gdim ... Kien sar erbat ijiem qabel* ».

Ix-xhud ikkonferma ulterjorment illi meta wasal fuq il-post wara li sar dan ir-rapport, Agnes Camilleri stess kienet qaltlu li l-kelb kien gidimha s-Sibt ta' qabel u mhux dakinhar[8].

Minn dan huwa immedjatament ovvju illi l-Prosekuzzjoni ma ressqitx provi konklussivi li jidentifikaw il-persuna li effettivament ghamel it-telefonata fejn gie rapportat illi kien hemm kelb li kien ghadu kif gidem tnejn min-nies, wisq anqas ressqet xi prova li kienet tabilhaqq l-imputata li ghamlet dan ir-rapport allegatament falz. B'zieda ma' dan, u fi kwalsiasi kaz, m'hemmx prova tal-element formali tar-reat, cioe` il-ħsieb li ssir ħsara lil xi persuna identifikabbli.

Ghaldaqstant, il-Qorti ma tistax issib htija fl-imputata ghar-reat lilha addebitat fl-ewwel imputazzjoni.

Ikkunsidrat ;

Bit-tieni imputazzjoni l-imputat qed tigi mixlija bir-reat taht l-Artikolu 3 tal-Kap. 312 :-

*3.(1) Ebda persuna ma tista' żżomm kelb tal-età ta' sitt xhur jew iżjed mingħajr liċenza maħruġa skont dan l-Att.*
*(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1) kull persuna li fil-kustodja jew fil-pussess tagħha, jew li fid-dar jew fil-post tagħha, jinsab xi kelb bħal dak, titqies li tkun il-persuna li żżomm dak il-kelb, sakemm ma jiġix pruvat kuntrarju.*

[8] Fol. 52

*(3) Il-prova li kelb ma jkollux iżjed minn sitt xhur tkun għall-persuna li żżomm il-kelb.*

Ghas-sejbien ta' htija ghar-reat addebitat fit-tieni imputazzjoni jehtieg li jintwera, bhala wiehed mill-elementi essenzjali ta' dan ir-reat, illi l-persuna imputata zammet kelb. Ghall-fini ta' din il-prova, m'huwiex mehtieg li jintwera li l-persuna tkun is-sid effettiv tal-kelb ghaliex il-ligi tqis li huwa sufficjenti li l-kelb ikun jinsab fil-kustodja jew pussess, anke temporanjament, tal-persuna imputata. Filwaqt li d-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 312 jiddefinixxu b'mod generali lid-« *detentur* » tal-kelb bhala kull persuna li tkun inkarigata minn jew li normalment titma' jew tieħu ħsieb xi kelb, ghall-fini tar-reat taht l-Artikolu 3, il-ligi tixhet l-obbligu ta' licenzjar anke fuq il-persuna li fil-post jew fid-dar taghha jinsab xi kelb mhux licenzjat – sakemm, izda, ma tingiebx prova kuntrarja.

Applikat dan ghall-kaz in dizamina, il-Qorti wara li semghet il-provi, tqis illi l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova illi fir-residenza tal-imputata nstabu tliet iklieb waqt l-ispezzjoni li saret mill-ufficjali ghat-trattament xieraq tal-annimali fl-14 ta' Marzu 2018. Wiehed minnhom, kelb « *tal-but zghir* »[9], kien licenzjat skont il-ligi.

Kwantu mbaghad, ghall-kelb tar-razza Pitbull li kien marbut b'habel qasir mal-bieb tal-appartament tal-imputata, il-Qorti fehmet illi ghalkemm dan il-kelb tassew instab fir-residenza taghha - u ghaldaqstant l-oneru tal-prova li l-imputata ma kienetx il-persuna li zzomm il-kelb, inxtehet fuqha - il-gabra tal-provi turi illi dan il-kelb ma kienx effettivament taht il-kontroll tal-imputata ghall-fini tal-obbligu legali impost mill-Artikolu 3(1) tal-Kap. 312.

Brian Saliba xehed illi meta mar fir-residenza tal-imputata fl-14 ta' Marzu 2018, hija qaltlu li l-kelb tar-razza Pitbull li kien marbut mal-bieb tal-appartament taghha, kienet sabitu barra erbat ijiem qabel fix-Xatt tal-Bormla. Madanakollu, jirrizulta mir-rapport tal-okkorrenza, mir-rapport tal-ufficjali ghat-trattament xieraq tal-annimali (Dok.

[9] Xhieda ta' Brian Spiteri, fol. 53.

BS5) kif ukoll mid-depozizzjoni ta’ Stuart Piscopo quddiem il-Qorti, illi l-kelb kien sabu l-istess Stuart Piscopo u mhux ommu, u dan madwar xahar qabel[10]. Stuart Piscopo tressaq bhala xhud in difesa u xehed li huwa kien sab il-kelb gewwa Haz Zabbar madwar xahar qabel u ghall-bidu zammu ghandu gewwa l-post li kien jikri gewwa Birzebbuga. Izda peress li l-kelb kien aggressiv u kien gidmu, sid il-kera ma riedux ikompli jzomm il-kelb fil-proprjeta` tieghu u kellu jitlaq mill-post. Ix-xhud qal ukoll illi madwar erbat ijiem qabel saret l-ispezzjoni fl-14 ta’ Marzu 2018 mill-ufficjali ghat-trattament xieraq tal-annimali, huwa kien ha l-kelb ghand ommu sakemm isib post iehor fejn jista’ jzommu.

Il-fatt illi l-kelb kien taht il-kontroll ta’ Stuart Piscopo u fil-kustodja effettiva tieghu hu affermat ulterjorment mir-rapport redatt mix-xhud Brian Saliba u minn zewg ufficjali ohrajn ghat-trattament xieraq tal-annimali : minn dan ir-rapport jirrizulta illi l-istess ufficjali taw struzzjonijiet lil Stuart Piscopo biex jillicenza z-zewgt iklieb li nstabu fir-residenza ta’ ommu l-imputata, fi zmien tliet ijiem.[11]

B’zieda ma’ dan il-provi juru b’mod konklussiv l-imputata kienet imbezza’ minn dan il-kelb: tant hu hekk, apparti l-fatt illi ftit granet qabel, dan il-kelb kien gidem lil habiba taghha u kien ukoll gidem lil binha[12], jirrizulta illi l-imputata irrifjutat li tidhol fir-residenza taghha meta waslu l-ufficjali ghat-trattament xieraq tal-Annimali, ghaliex il-kelb kien marbut mal-bieb tal-appartament taghha u kien aggressiv hafna. Dan jirrizulta mix-xhieda ta’ Brian Saliba kif ukoll tal-imputata nnifisha.

Minn dan kollu hu ovvju ghall-Qorti li l-imputata rnexxielha teghleb il-presunzjoni stabbilita mil-fatt illi dan il-kelb instab fir-residenza taghha, billi ressqet prova konvincenti u sal-grad tal-probabbli illi l-persuna li jasserixxi l-kontroll fattwali u effettiv fuq il-kelb u jzomm il-kelb bhala tieghu, huwa binha Stuart Piscopo – fatt li gie rikonoxxut ukoll mill-ufficjal ghat-trattament xieraq tal-annimali fir-rapport

[10] Ara wkoll rapport tal-okkorrenza Dok. JP4.
[11] Ara fol. 21.
[12] Ara xhieda tal-imputata fol. 84 u xhieda ta’ Stuart Piscopo 6 ta’ Mejju 2021.

taghhom. Ghalhekk ma tistax tinstab htija fl-imputata ghar-reat addebitat fit-tieni imputazzjoni kwantu ghal dan il-kelb partikolari, tar-razza Pitbull.

Ghal dak li ghandu x'jaqsam, imbaghad, mal-kelba li nstabet marbuta fuq il-bejt tar-residenza tal-imputata, mill-provi huwa wkoll stabbilit sodisfacjentement illi ghalkemm din il-kelba kienet qed tinzamm fuq il-bejt tar-residenza tal-imputata u kwindi kienet fil-pussess taghha ghall-fini tar-reat taht l-Artikolu 3 tal-Att dwar il-Klieb, din kienet tappartjeni effettivament lil bin l-imputata, Stuart Piscopo.

Tassew l-imputata xehdet li l-kelba kienet tiehu hsiebha hi u kienet taghtiha x'tiekol, izda xehdet ukoll:- "*Kellu kelba ohra it-tifel. Ma nafx x'jghidulu, bhalha, imma dik tieghu kienet. U ... ma nizzilthiex, ghidtlu ghax dawn jiggieldu, ghax ghandi z-zghira hemm hu*"[13]. Din il-verzjoni hi korroborata mhux biss mix-xhieda ta' Stuart Piscopo, li xehed fis-6 ta' Mejju, 2021, izda wkoll mir-rapport redatt mill-ufficjali ghat-trattament xieraq tal-annimali fejn gie dikjarat illi skont Stuart Piscopo- "*... the puppy on the roof was bought from Gozo with cropped ears. As soon as he said that, **we confirmed that the dog was his and we told him to come and pick it up**...*"[14] Mill-istess rapport, ikkonfermat minn Brian Saliba fix-xhieda tieghu, jirrizulta wkoll li Stuart Piscopo nghata struzzjonijiet mill-ufficjali tad-Direttorat biex **jillicenza z-zewgt iklieb** li nstabu fl-appartament ta' ommu. Fuq kollox, l-istess xhud, fir-rigward ta' dan l-istess kelb, xehed illi "*il-kelb meta tlajna l-Qorti kien prezenta certifikat minhabba denbu biss*" u dan b'referenza ghall-istess Stuart Piscopo, iben l-imputata.

Minn dan kollu, il-Qorti hija konvinta illi tressqu provi bizzejjed fuq bazi ta' bilanc ta' probabbilitajiet li juru b'mod konvincenti li ma kienetx l-imputata l-persuna responsabbli ghall-kustodja u kontroll effettiv tal-kelba, liema provi jeghlbu wkoll anke f'dan il-kaz, il-presunzjoni stabbilita bis-sejbien tal-kelba fuq il-bejt tar-residenza tal-imputata.

[13] Ara fol. 89.
[14] Emfasi tal-Qorti.

Barra minn hekk – ghall-kompletezza biss - il-Qorti ma tistax ma tosservax illi ghalkemm l-oneru tal-prova li l-kelb ghandu inqas minn sitt xhur tassew jispetta lill-imputat, f'dan il-kaz l-evidenza mressqa mill-Prosekuzzjoni stess, minnha nnifisha tixhet dubju serju fuq il-presunzjoni stabbilita mis-subinciz (3) tal-Artikolu 3 tal-Att dwar il-Klieb. L-ufficjal ghat-trattament xieraq tal-annimali, Brian Saliba, xehed: "*Il-kelb kien puppy, le ma qalulix kemm kien ilu ghandhom, il-kelb kien ghadu puppy, ma kellux hafna zmien*"[15]. Barra minn hekk, fir-rapport esebit fl-atti[16], ir-referenza hija ghal "*puppy*" minghajr ma ebda kwalifici ohrajn. Minn dan il-Qorti ma tistax tistrieh serenament fuq xi presunzjoni li din il-kelba kellha iktar minn sitt xhur ghall-fini tar-reat taht l-Artikolu 3 tal-Kap. 312.

Ghaldaqstant, maghdud dan kollu, ma tistax tinstab htija fl-imputata ghar-reat addebitat fit-tieni imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Ir-reati addebitati lill-imputata fit-tielet u r-raba' imputazzjonijiet ma jehtigux prova li l-persuna li tkun gieghlet l-annimal isofri tbatija, disperament jew dwejjaq, tkun is-sid tal-annimal. L-Artikolu 8 tal-Kap. 439 jixhet l-obbligu ghall-harsien tal-annimal u ghat-trattament xieraq tieghu mhux biss fuq il-persuna li "*hija responsabbli għalih, jew li taqbel li tieħu ħsieb*" u fuq "***Kull min iżomm l-annimali jew jaqbel li jżomm animmali għandu***", izda jixhet ukoll obbligu generali fuq **kull persuna** biex jassigura illi *"L-ebda annimal ma għandu jiġi mġiegħel isofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u l-ebda annimal ma jista' jigi abbandunat"*

Kemm hu hekk, il-ksur ta' kull disposizzjoni tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, inkluz ghalhekk il-ksur tal-obbligu impost mis-subinciz (2) tal-Artikolu 8 tal-Att, appena citat, igib mieghu il-pieni previsti mill-Artikolu 45 *et sequitur* tal-istess Att.

[15] Fol. 53.
[16] Fol. 19 *et seq*.

Il-Qorti rat l-atti u l-provi u filwaqt li ma rriskontrat l-ebda prova kwalsiasi li l-imputata abbandunat xi wiehed mill-klieb li nstabu fir-residenza taghha, tqis ukoll illi ma ngabitx prova, kwantu ghall-kelb tar-razza Pitbull li kien marbut mal-bieb tal-appartament taghha, illi l-imputata Rita Amos gieghlet lil dan il-kelb isofri tbatija u dwejjaq bla bzonn jew disperament. Kif diga` stabbilit, dan il-kelb kien ilu jinzamm fl-appartament tal-imputata erbat ijiem biss u konsegwentement, il-fatt li dan il-kelb kellu widnejh maqtughin – liema att fil-fehma tal-Qorti jista' jikkaguna tbatija, dwejjaq u ugiegh bla bzonn ghall-annimal - ma jistax ragjonevolment jigi addebitat lill-imputata *multo magis* fin-nuqqas ta' prova li l-qtugh tal-widnejn kienet wiehed daqshekk recenti u meta l-imputazzjoni kif imfassla tirreferi unikament ghal fatti li sehhew fl-14 ta' Marzu 2018 "*u fil-hinijiet **ta' wara***"[17].

Huwa minnu illi l-provi juru li meta l-ufficjali ghat-trattament xieraq tal-annimali dahlu fil-fond, huma sabu li dan il-kelb kien marbut b'habel qasir mal-bieb tal-appartament tal-imputata u jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-imputata, illi kienet hi stess li rabtitu b'dan il-mod. Izda ma jirrizultax kemm kien ilu marbut u ma giex ippruvat illi kien dan l-irbit li gieghel lill-kelb jagixxi b'mod feroci u aggressiv. Ghall-kuntrarju, il-provi juru illi l-imputata kienet tibza' hafna minn dan il-kelb proprju ghaliex kien feroci u aggressiv u kien diga` gidem lil binha u lil habiba taghha. Tant hu hekk, jirrizulta li hija harget mill-appartament taghha u rrifjutat li tidhol lura mal-ufficjali li gew iwettqu spezzjoni fuq rapport li sarilhom, sakemm il-kelb inhareg mir-residenza taghha. Il-fatt li l-kelb kien aggressiv gie affermat mill-ufficjal Brian Spiteri li xehed illi huwa stess irriskontra diffikolta` biex javvicina l-kelb ghaliex kien qed jagixxi b'mod aggressiv anke fil-konfront tieghu u tal-ufficjali l-ohra li kienu mieghu. Ghall-Qorti, il-fatt illi l-imputata ma setghetx tidhol fl-appartament taghha minhabba li l-kelb rabtitu mal-bieb tal-appartament, ifisser illi l-kelb ma setax kien ilu marbut mal-bieb ghal hin twil. Ghaldaqstant, anke jekk ghal mument jigi koncess li dak il-hin, il-kelb kien fi stat ta' dwejjaq jew disperament, m'huwiex konklussivament

[17] Emfasi tal-Qorti.

ippruvat illi dan l-istat emozzjonali kien sewwasew dovut ghall-fatt li kien marbut mal-bieb b'habel qasir.

Kwantu mbaghad ghal xi prova li l-imputata naqset milli tiehu hsieb il-kura u s-sahha ta' dan il-kelb partikolari, jew li naqset milli taghtih x'jiekol u jixrob, din hija kompletament mankanti fl-atti.

Ghaldaqstant ma jirrizultawx l-estremi tar-reati prospettati mill-Artikolu 8, subincizi (2) u (3) fil-konfront tal-kelb tar-razza Pitbull li nstab marbut mal-bieb tar-residenza tal-imputata.

Izda mbaghad, ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-kelba "*American Staffordshire puppy* »[18] li kienet marbuta fuq il-bejt tar-residenza tal-imputata, il-provi juru mod iehor. Brian Spiteri xehed illi waqt l-ispezzjoni li huwa wettaq flimkien ma' ufficjali ohrajn tad-Direttorat, din il-kelba nstabet barra fuq il-bejt marbuta b'habel qasir u kellha widnejha maqtughin u denbha maqtugh. Rigward id-denb maqtugh, ix-xhud, b'referenza ghal Stuart, bin l-imputata, qal illi "*il-kelb meta tlajna l-Qorti kien prezenta certifikat minhabba denbu biss*". B'dan il-Qorti fehmet illi l-qtugh tal-denb sar b'mod regolamentari u f'kull kaz, ma sarx fuq struzzjonijiet tal-imputata izda ta' Stuart Piscopo.

Ghalkemm il-kelba kellha wkoll widnejha maqtughin - liema att fil-fehma tal-Qorti jikkaguna tbatija, dwejjaq u ugiegh bla bzonn ghall-annimal - ma tressqu l-ebda provi li dan sar minn jew fuq struzzjonijiet tal-imputata. F'kull kaz, kif diga` nghad, iz-zmien tal-imputazzjoni kif imfassla fic-Citazzjoni, huwa cirkoskritt ghal dak li sehh fl-14 ta' Marzu 2018 u ghalhekk fic-cirkostanzi, galadarba huwa eskluz dan il-qtugh sehh f'dak il-parametru temporali, ghalxejn isir indagni ulterjuri fir-rigward.

[18] Ara rapport Dok. BS5 fol. 19 *tergo*.

L-Artikolu 8(3) tal-Kap. 439 jipprovdi illi "*Kull min iżomm l-annimali jew jaqbel li jżomm animmali għandu jkun responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom*." Fil-kaz in dizamina jirrizulta li l-imputata qablet li zzomm dan il-kelb li jappartjeni lil binha u effettivament, zammitha fuq il-bejt. L-imputata xehdet:-

"*Xhud: kont inzommha go kamra taghha ... fuq il-bejt, ghax jien ghandi l-gholi hemm u, kont inzommha hemm, kont intiha tiekol u hekk ... fil-kamra tal-klien nghidilha jiena ... [marbuta] mela. Nibza' li taqbizli ghal isfel u. U gie habib tieghu u hadha."*

*Qorti: Imma min kien jiehu hsiebha ?*

*Xhud: Heq, jiena u ntieha x tiekol.*"

Brian Spiteri xehed illi meta tela' fuq il-bejt sab illi dan il-kelb « *... ma kellux la ikel, la ilma u kien marbut b'habel qasir. U kennel kienet zghira ghalih...*"

Xehed ukoll: *"**Il-kelb ta' fuq il-bejt li kien bla ikel u bla ilma jigifieri diga` kienet hazina, li kien marbut b'cinga qasira**, dak iz-zmien stajt torbtu imma ried ikollu tliet metri tul biex jigri, il-kleb ikollu fejn jigri...*" [emfasi tal-Qorti]

Huwa stabbilit ghalhekk, illi l-kelba in kwistjoni nstabet fuq il-bejt, barra, minghajr ebda ikel jew ilma[19] u fuq kollox kienet marbuta b'habel qasir hafna skont kif jidher fir-ritratt f'isfel a fol 17 *tergo* tal-atti.

L-Artikolu 8(2) u 8 (4) jiddisponu, rispettivament-

*2) L-ebda annimal ma għandu jiġi mġiegħel isofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u l-ebda annimal ma jista' jigi abbandunat.*

[19] Dan jirrizulta mir-ritratti formanti parti mir-rapport - ara fol 17 *tergo* u fol 18.

*(4) Kull persuna għandha tieħu dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkostanza sabiex tiżgura li l-ħtiġiet ta' annimal li hija responsabbli għalih, jew li taqbel li tieħu ħsieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri tal-annimal. Għall-għanijiet ta' dan is-subartikolu, ħtiġiet ta' annimal tinkludi l-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta' dieta sana, lok sabiex l-annimal jesprimi l-imġiba normali tiegħu, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa, segregazzjoni minn annimali oħra fejn meħtieġ, u protezzjoni minn uġigħ, tbatija, korrimenti u mard.*

Mix-xhieda ta' Brian Saliba u mir-ritratti formanti parti mir-rapport li ghamel referenza ghalihom ix-xhud waqt id-depozizzjoni tieghu, il-Qorti fehmet illi l-kelba li nstabet marbuta fuq il-bejt b'habel qasir kienet nieqsa minn akkomodazzjoni u ambjent xieraq kif mehtieg biex jigi zgurat li dan l-annimal ma jbatix dwejjaq bla bzonn jew disperament. Hu evidenti mhux biss illi l-movimenti tal-kelb kienu ristretti ferm, izda wkoll in-nuqqas ta' ebda sinjal kwalsiasi ta' ikel jew ilma - talanqas fil-limiti li setghu jintlahqu mil-kelb galadarba kien marbut b'mod ristrett hafna. Hu minnu li l-imputata xehdet li l-kontenituri tal-ilma u ikel kienet tnizzilhom isfel filghaxija, izda **dak li huwa l-iktar ta' thassib ghall-Qorti hu l-fatt li l-imputata stqarret li l-kelb kienet izommha marbuta fil-kennel**.

*"Imputata: kont inzommha go kamra taghha ... fuq il-bejt ghax jien ghandi l-gholi hemm u kont inzommha hemm, kont intiha tiekol u hekk.*

*Qorti: fejn?*

*Imputata: fil-kamra taghha nghidilha jien."*

Fil-fehma tal-Qorti il-fatt wahdu li l-imputata zammet din il-kelba marbuta gewwa l-kennel b'habel qasir (kif effettivament jidher fir-ritratt fuq imsemmi) fic-cirkostanzi l-ohra gia` riskontrati, mhux biss huma bizzejjed *res ipsa loquitur* biex ikkagunaw lill-annimal dwejjaq bla bzonn a tenur tas-subinciz (2) tal-Artikolu 8 tal-Kap. 439, izda

jikkostitwixxi wkoll ksur tad-dmir tal-imputata, bhala persuna li accettat li zzomm animal jew qablet li tiehu hsiebu ghal haddiehor, li tipprovdi ghall-htigijiet bazici tal-annimal skont kif obbligata taht l-Artikolu 8(4) tal-istess Kap. 439.

Il-Qorti ghalhekk issib li l-**imputata naqset milli tipprovdi lil dan il-kelb spazju adegwat fejn jista' jiccirkola u jaghmel ezercizzju, ikel u ilma, kif ukoll ambjent xieraq fejn jista' jesprimi l-imgieba normali ta' kelb li ghadu zghir**[20].

Ghall-kompletezza jinghad illi mill-provi jirrizulta li l-imputata kellha kelb iehor zghir li kienet izzommu maghha fid-dar u kien licenzjat u kkurat tajjeb. Barra minn hekk ma jirrizulta mkien mill-provi illi l-kelba li kienet tinzamm fuq il-bejt kienet aggressiva jew li ma kienx ragjonevolment possibbli li din tinzamm fid-dar tal-imputata mal-kelb l-iehor.

Ikkunsidrat;

Ghall-fini tal-piena tar-reati addebitati fit-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-kelba in kwistjoni kienet effettivament ta' bin l-imputata u mhux taghha, il-fatt illi l-kelba ma jirrizultax li nstabet f'kundizzjoni fizika hazina jew li kienet mugugha jew marida minhabba nuqqas ta' kura. Hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi l-imputata xehdet li rabtet il-kelba minhabba biza' li tista' taqa' mill-bejt ghal isfel kif ukoll il-fedina penali netta tal-imputata[21].

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi filwaqt illi ma ssibx lill-imputata hatja tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u tilliberaha minnhom, wara li rat l-Artikolu 8 u 45 tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil RITA AMOS hatja tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet izda b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet**

[20] Dan minghajr qies tal-fatt li cahditu wkoll b'mod sistematiku mill-kumpannija u attenzjoni.
[21] Dok. JP3, fol. 31.

**ta' Malta, qieghda tilliberaha bla hsara ghall-kundizzjoni li ma taghmel ebda reat iehor matul perijodu ta' sentejn.**

**Il-Qorti fissret lill-ħatja bi kliem li jiftiehem sew li jekk tagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, tista' tingħata sentenza għar-reat oriġinali.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**